Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Marzu 2024**
**(OR. en)**

**14629/23**
**COR 2**

**MI 898**
**COMPET 1031**
**IND 557**
**CONSOM 381**
**TELECOM 312**
**JAI 1368**
**CT 161**
**PI 164**
**AUDIO 102**
**DELACT 166**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 6 ta' Marzu 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru. dok. preċ.: | C(2023) 6807 final |
| Nru dok. Cion: | C(2024) 1581 final |
| Suġġett: | RETTIFIKA tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/436 tal-20 ta' Ottubru 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, billi jistabbilixxi regoli dwar it-twettiq tal-awditjar għall-pjattaformi online kbar ħafna u għall-magni tat-tiftix online kbar ħafna *(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L, 2024/436, it-2 ta' Frar 2024)* |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2024) 1581 final.

Mehmuż: C(2024) 1581 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.3.2024
C(2024) 1581 final

**RETTIFIKA**

**tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/436 tal-20 ta’ Ottubru 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, billi jistabbilixxi regoli dwar it-twettiq tal-awditjar għall-pjattaformi online kbar ħafna u għall-magni tat-tiftix online kbar ħafna**

***(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L, 2024/436, it-2 ta’ Frar 2024)***

**RETTIFIKA**

**tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/436 tal-20 ta' Ottubru 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, billi jistabbilixxi regoli dwar it-twettiq tal-awditjar għall-pjattaformi online kbar ħafna u għall-magni tat-tiftix online kbar ħafna**

***(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L, 2024/436, it-2 ta' Frar 2024)***

Fl-Artikolu 14(1), il-punt (c):

*minflok:*

"(c) jekk il-miżuri tal-mitigazzjoni stabbiliti mill-fornitur awditjat humiex raġonevoli, proporzjonati u effettivi għall-mitigazzjoni tar-riskji rispettivi, inkluż billi

(i) jivvalutaw jekk humiex qed jirrispondu b'mod kollettiv għar-riskji kollha, b'kunsiderazzjoni partikolari tar-riskji dwar l-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali;

(ii) jivvalutaw b'mod komparattiv kif ġew indirizzati r-riskji qabel u wara li ġew stabbiliti l-miżuri speċifiċi tal-mitigazzjoni tar-riskju;

(iii) jekk il-miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju kinux tfasslu u ġew eżegwiti b'mod xieraq."

*aqra:*

"(c) jekk il-miżuri tal-mitigazzjoni stabbiliti mill-fornitur awditjat humiex raġonevoli, proporzjonati u effettivi għall-mitigazzjoni tar-riskji rispettivi, inkluż billi:

(i) jivvalutaw jekk humiex qed jirrispondu b'mod kollettiv għar-riskji kollha, b'kunsiderazzjoni partikolari tar-riskji dwar l-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali;

(ii) jivvalutaw b'mod komparattiv kif ġew indirizzati r-riskji qabel u wara li ġew stabbiliti l-miżuri speċifiċi tal-mitigazzjoni tar-riskju;

(iii) jivvalutaw jekk il-miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju kinux tfasslu u ġew eżegwiti b'mod xieraq.".